MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2019

Rikors Maħluf Numru 31/2016 LM

**Etienne Ellul (K.I. 263274M)**

***vs.***

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Saħħa kif korrett bid-digrieti tal-1 ta' Ġunju, 2016 u tal-14 ta' Ġunju, 2019, u Mr Mark Schembri, u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2016 ġie msejjaħ fil-kawża Mr Drazen Djukic**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Jannar, 2016 mill-attur **Etienne Ellul** (K.I. 263274M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi huwa kellu nefħa ta' lipoma f'għonqu u wara li ġie eżaminat l-Isptar Mater Dei, huwa ġie infurmat li din kellha titneħħielu permezz ta' operazzjoni;*

2. *Illi huwa kien ġie operat fis-16 ta' Marzu, 2013 għal biex titneħħielu l-lipoma taħt il-gwida u s-sorveljanza ta' Mr. Mark Schembri, liema operazzjoni suppost tant kienet ta' suċċess li ġie indikat lill-attur li 'No Follow-Up needed';*

3. *Illi in segwitu għal din l-operazzjoni huwa kellu jmur għal diversi visti l-Isptar minħabba li wara l-operazzjoni baqa' muġugħ, però għal diversi xhur huwa kien qed jiġi infurmat minn Mr. Mark Schembri li l-uġigħ kien wieħed normali ta' wara l-operazzjoni;*

4. *Illi ġara li sa Lulju 2013 dan l-uġigħ ma battiex, u għalhekk l-attur għamel CT Scan, wara liema l-konsulent Mark Schembri infurmah li reġa' trabbielu tumur ieħor fl-istess post. Wara iżjed konsultazzjonijiet, f'Awwissu 2013 il-konsulent Mark Schembri ordna li jsir Electromyography (EMG), liema test sar fil-5 ta' Mejju, 2014. Sadanittant l-attur baqa' muġugħ ħafna;*

5. *Illi xi żmien wara dan it-test ġie kkonfermat lill-attur li huwa kellu tumur (lipoma) kbir fl-istess post minn fejn suppost kellha titneħħa l-lipoma (tumur) xi sena qabel;*

6. *Illi l-attur kompla jikkonsulta ma' esperti mediċi oħrajn sa ma konsulent partikolari eżaminah u infurmah li apparti l-lipoma kellu ħsara f'nerv li jgħaddi minn spalltu. Dwar il-lipoma huwa kellu jerġa' jagħmel operazzjoni sabiex jitneħħa t-tumur, kif fil-fatt seħħ fis-16 ta' Frar, 2015 (fejn it-tumur tneħħielu kompletament). Sussegwentement għal din l-operazzjoni, huwa sar jaf ukoll li l-uġigħ ġej mill-fatt li waqt l-ewwel operazzjoni saret ħsara irriparabbli lil nerv li jgħaddi minn spalltu, u l-attur issa qed isofri minn debilità permanenti.*

7. *Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment, u minkejja li interpella lill-mittenti jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, dawn ma resqux, u għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

<u>Talbiet</u>:

*Premess li l-intimati huma responsabbli għall-ħsara u danni sofferti mill-attur:*

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

(1) *Tiddikjara li l-konvenuti responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur meta kien qed jiġi trattat għal nefħa f'għonqu, liema danni jinkludu danni inġenti, danni f'telf ta' qligħ, u danni eżistenzjali;*

(2) *Tillikwida d-danni kollha sofferti u li għad iridu jiġu sofferti mill-attur bi ħtija tal-intimati, jew min minnhom;*

(3) *Tordna lill-intimati jħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali kontra l-istess intimati datata 4 ta' Awwissu 2015, u bl-interessi skont il-liġi kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern** u **Mr Mark Schembri** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Frar, 2016, u maħlufa minn **Dr Denis Vella Baldacchino**, Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, li biha eċċepew:

*Illi preliminarjament in-nomenklatura Tabib Prinċipali tas-Saħħa u d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa ma jeżistux;*

*Illi preliminarjament Mark Schembri ma hux leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-proċedura kirurġika illi fuqha hija bbażata l-lanjanza tar-rikorrent Etienne Ellul la saret minnu u lanqas taħt il-gwida u s-sorveljanza tiegħu.*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ il-kura u t-trattament illi ngħata r-rikorrent kien skont l-arti u s-sengħa. In-nerv kien kompromess mhux riżultat tal-intervent iżda minħabba n-natura tal-lipoma u għalhekk il-pretensjoni ta' danni da parti tar-rikorrent hija għal kollox infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess fi kwalunkwe każ ħadd mill-intimati ma jirrispondi għad-danni pretiżi stante illi dawn ma ġrawx tort tagħhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-imsejjaħ fil-kawża **Mr Drazen Djukic** (minn issa 'l quddiem "l-imsejjaħ fil-kawża"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Diċembru, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

2. *Illi l-esponenti esegwixxa l-proċeduri secundum artem kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

3. *Illi l-esponenti għamel diversi interventi matul il-karriera tiegħu, huwa kkwalifikat u għandu esperjenza estensiva u għaldaqstant m'għandux jinstab ħati li kkawża l-allegati danni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti u tal-imsejjaħ fil-kawża.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-azzjoni odjerna hija essenzjalment kawża għad-danni allegatament subiti mill-attur wara intervent kirurġiku li sar fuqu fis-16 ta' Marzu, 2013 ġewwa l-Isptar Mater Dei sabiex titneħħielu lipoma li trabbiet f'għonqu. L-attur isostni li konsegwenza ta' dan l-intervent kirurġiku huwa sofra diżabilità permanenti, u baqa' jsofri minn uġigħ, tant hu hekk sarulu diversi testijiet sabiex jiġi stabbilit x'kien li qiegħed jikkawża dan l-uġigħ. Barra minn hekk l-attur allega li

hekk kif ġie rilaxxjat mill-isptar wara li sarlu l-ewwel intervent, liema intervent ma sarx minn Mr Mark Schembri iżda mill-imsejjaħ fil-kawża Mr Drazen Djukic, hu seta' jinnota li n-nefħa li kien qiegħed jilmenta minnha kienet għadha hemm, bid-differenza li filwaqt li qabel sar l-intervent kirurġiku huwa ma kienx muġugħ, wara l-intervent beda jsofri minn uġigħ kontinwu. Wara xi żmien l-attur ġie infurmat li t-tumur li kien tneħħielu permezz tal-intervent tas-16 ta' Marzu, 2013, kien reġa' trabba, u kien ġie infurmat ukoll li waqt l-ewwel intervent li sarlu, kienet saret ħsara irriparabbli f'nerv li kien ingastat mal-massa li tneħħietlu minn għonqu, u wara li ntbagħtet il-laboratorju ġie stabbilit li t-tumur kien wieħed beninn.

Il-konvenut Mark Schembri wieġeb li hu mhux leġittimu kontradittur stante li l-intervent inkwistjoni ma kienx sar minnu u lanqas kien sar taħt il-gwida u s-sorveljanza tiegħu, u għalhekk talab li jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Inoltre intqal mill-konvenuti li t-trattament li ngħata l-attur kien skont is-sengħa u l-arti u li f'dan ir-rigward ma tistax tiġi addebitata xi forma ta' responsabbilità lil xi wieħed mill-konvenuti. Ġie eċċepit ukoll li n-nerv kien kompromess minħabba fin-natura tal-lipoma li kellu l-attur u mhux konsegwenza diretta tal-intervent li sar fuqu.

L-imsejjaħ fil-kawża, li kien effettivament il-kirurgu li għamel l-intervent fuq l-attur, ukoll wieġeb li t-talbiet tal-attur huma infondati u għalhekk għandhom jiġu miċħuda, minħabba li hu mexa skont is-sengħa u l-arti. L-imsejjaħ fil-kawża, qal ukoll li huwa għamel bosta interventi simili għal dak li għamel fuq l-attur u għandu esperjenza wiesgħa f'dan il-qasam tal-kirurġija.

## Provi u riżultanzi

Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017 xehdet **Gertrude Scerri**[1], in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, li esebiet kopja tal-*file* mediku tal-attur għal dak li jirriżulta mis-sena 2012 'il quddiem.[2]

L-attur **Etienne Ellul** fl-*affidavit*[3] qal li hu jaħdem bħala mekkanik ma' kumpannija privata kif ukoll għal rasu. Qal illi fl-2012 kienet trabbietlu nefħa fil-parti tax-xellug ta' għonqu, li minkejja li ma kinitx tuġgħu, kienet skomda. Qal li meta rah it-tabib privat tiegħu kien irreferih l-isptar, u meta kien ġie eżaminat l-isptar, kienu qalulu li dik in-nefħa tissejjaħ lipoma u li kien ser jitpoġġa taħt il-kura ta' Mr Mark Schembri sabiex din tkun tista' titneħħa. Qal li l-intervent kirurġiku biex titneħħa l-lipoma kien sar fis-16 ta' Marzu, 2013 minn tim mediku li jaqa' taħt id-Dipartiment ta' Mr Schembri għalkemm l-attur qal li hu ma jafx min kien operah. Qal ukoll li hu ntbagħat id-dar dakinhar stess, u skont l-informazzjoni li ngħata qabel intbagħat id-dar, l-operazzjoni kienet irnexxiet u ma kien meħtieġ l-ebda *follow-up* għaliha. L-attur qal li anki meta ġie biex joħroġ mill-isptar kien induna li n-nefħa f'għonqu kienet għadha hemm, u li kellu uġigħ fi spalltu, f'wiċċu u f'dirgħajh, għalkemm kien ħaseb li kien ser jgħaddi kollox maż-żmien. Qal li wara xi ġranet hu pprova jkellem lil Mr Schembri privatament, iżda dan kien għarrfu li jkun aħjar jekk imur għal appuntament fl-isptar. Qal li fost l-investigazzjonijiet li sarulu wara l-ewwel intervent, kien sarlu *ultrasound,* intbagħat għal sessjonijiet ta' terapija fl-ilma l-Isptar San Luqa, u ġie riferut għall-*Pain Clinic* tal-Isptar Mater Dei, filwaqt li ngħata xi injezzjonijiet għall-uġigħ minħabba li qalulu li kellu infezzjoni

[1] *A fol.* 41A tal-proċess.
[2] *A fol.* 42 *et seq.* tal-proċess.
[3] *A fol.* 91 tal-proċess.

f'għonqu fil-post fejn sarlu l-intervent. Qal li minkejja dan kollu l-uġigħ baqa' jippersisti, u sussegwentement kien sarlu wkoll CT scan. Qal li minkejja li sarulu diversi appuntamenti fid-Dipartiment li jmexxi Mr Mark Schembri, madanakollu dejjem kien ikun invistat minn tobba oħra li jaqgħu taħt it-tim tiegħu u mhux minnu personalment. L-attur qal li wara xi żmien hu kien ġie infurmat li fl-istess post eżatt fejn kellu l-lipoma li tneħħiet, kienet trabbiet lipoma oħra, u wara iżjed konsultazzjonijiet Mr Mark Schembri kien tal-fehma li għandu jsir Electromyography (EMG) fuq l-attur, liema test sar fil-5 ta' Mejju, 2014. L-attur qal li sadanittant huwa baqa' muġugħ ħafna, u għalhekk ingħata terapija bir-raġġi (*Pulsed Radio Frequency PRF Treatment)* fuq in-nerv supraskapulari tax-xellug, kif ukoll beda jingħata injezzjoni f'għonqu għall-uġigħ (*PENS Therapy).* Żied jgħid li wara t-test tal-EMG, wieħed mit-tobba mid-Dipartiment ta' Mr Schembri kien għarrfu li waqt l-intervent li sarlu sabiex titneħħa l-lipoma aktarx li ntlaqtu xi nervituri rqaq, imma din kienet xi ħaġa żgħira. Kien għalhekk li kienu ordnawlu jagħmel MRI li kien sar fit-2 ta' Lulju, 2014. Sabiex jieħu r-riżultat tal-MRI kien reġa' mar għad Mr Schembri, li kien qallu li ma kien sar xejn ħażin fl-ewwel intervent, iżda kienet reġgħet trabbiet lipoma oħra fl-istess post. L-attur żied jgħid li Mr Schembri kien qallu li ma xtaqx jieħu r-riskju li jerġa' joperah u li din il-lipoma ma kienet ser tikkawża l-ebda ħsara jekk l-attur jibqa' biha. Qal ukoll li l-għada li tkellem mal-attur, Mr Schembri ċempel lil mart l-attur u kien qalilha l-istess ħaġa. L-attur kompla jgħid li sadanittant hu baqa' muġugħ u għalhekk kien hemm xi ħadd li rreferieh għand speċjalista tal-ENT, Mr Mario Said, li meta invistah kien qallu li l-lipoma kienet għadha f'għonqu u li kien jidher li kellu nerv maqtugħ f'għonqu viċin il-post fejn kien ġie operat. M. Said kien qallu li seta' joperah biex ineħħilu l-lipoma, iżda li ma seta' jagħmillu xejn dwar in-nerv maqtugħ. Żied

jgħid li Mr Said aċċetta li jopera lill-attur, u dan kien qallu li wara li joperah ikun jista' jgħid eżattament xi ħsara kellu l-attur. L-intervent minn Mr Said sar fis-16 ta' Frar, 2015 fid-Dipartiment tal-ENT, u meta l-attur mar għall-ewwel vista wara dan l-intervent, Mr Said kien qallu li l-intervent għat-tneħħija tal-ewwel lipoma messu sar taħt id-Dipartiment tal-ENT u mhux taħt id-Dipartiment tal-Kirurġija, u li l-lipoma kien neħħihielu kollha permezz tat-tieni intervent. Mr Said qallu wkoll li fl-ewwel intervent li sarlu, kienet saret ħsara irriparabbli lil nerv li jgħaddi mill-ispalla għall-għonq, u qallu wkoll li l-uġigħ ma kellu x'jaqsam xejn mal-lipoma. L-attur spjega li wara t-tieni intervent li sarlu minn Mr Said, in-nefħa f'għonqu tneħħiet u ma reġgħetx trabbiet, b'differenza mill-ewwel intervent li kien sar fuqu fejn in-nefħa ma kinitx telqet, lanqas fl-ewwel ġranet wara li kien sar intervent fuq l-attur. L-attur qal li hu kkonsulta ma' Mr Carmel Sciberras dwar dak kollu li kien għadda minnu, u dan kien qallu li l-affarijiet ma sarux sew meta ġie operat l-ewwel darba, u li l-problema kienet li wara l-ewwel intervent ma kienx qiegħed jiġi ttrattat għal dak li kellu bżonn. Żied jgħid li Mr Sciberras kien qallu wkoll li d-debilità permanenti li kien qiegħed isofri minnha wara l-ewwel intervent kienet ta' 12%. L-attur qal li dan kollu affettwah f'xogħlu, kemm fix-xogħol *full-time* kif ukoll fix-xogħol li jagħmel għal rasu.

L-attur esebixxa wkoll kopja tal-*case summary* fir-rigward tal-ewwel intervent li sarlu fis-16 ta' Marzu, 2013[4], fejn hemm in-notament '*no follow-up is planned*', diversi ittri maħruġa mill-Isptar sabiex jinfurmawh b'appuntamenti li kellu jattendi għalihom b'rabta mal-uġigħ li baqa' jsofri minnu[5], kopja ta'

[4] *A fol.* 94 tal-proċess.
[5] *A fol.* 95 *et seq.* tal-proċess.

rapport maħruġ mid-Dipartiment tan-*Neurophysiology* tal-Isptar Mater Dei[6] fejn wara li ġew eżaminati s-sintomi li ppreżenta ruħu bihom l-attur, ġie konkluż illi:

> "*Concentric Needle EMG of the middle portion of the left trapezius muscle shows de-innervation/re-innervation changes with no evidence of active ongoing denervation. This is consistent with an incomplete lesion of the left spinal accessory nerve, with signs of regeneration.*"

L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-formola FS3 fir-rigward tal-impjieg tiegħu għas-sena 2013[7], kif ukoll kopja tal-*profit and loss account* għax-xogħol privat tiegħu li minnha jidher li kellu profitt nett ta' €2,386 fis-sena 2013[8], kif ukoll kopja tal-formola FS3 għas-sena 2012[9] u kopja tal-*profit and loss account* għax-xogħol privat tiegħu għas-sena 2012[10], minn fejn jirriżulta li fis-sena 2012 l-attur għamel profitt nett ta' €2,610 mix-xogħol *part-time* li kien jagħmel għal rasu. Ġew ippreżentati wkoll dokumenti simili għas-sena 2011.[11]

Fl-udjenza tal-24 ta' April, 2017 xehed **Mr Mario Said**[12], li qal li huwa konsulent u Kap tad-Dipartiment tal-ENT fl-Isptar Mater Dei, li kkonferma li kien hu li għamel intervent fuq l-attur sabiex titneħħa t-tieni lipoma, li hu ddeskriva bħala "boċċa tax-xaħam". Qal li l-preżenza ta' lipoma fil-ġisem ma tikkawża l-ebda ħsara, iżda tikkawża skumdità, u l-lipoma li tneħħiet minn għonq l-attur kellha dijametru ta' madwar 10 ċentimetri. Ix-xhud qal li tipikament persuna li tiżviluppa lipoma, tkun żviluppata fuq medda ta' snin, u li din mhix xi ħaġa li timmanifesta ruħha f'salt. Qal li f'ċirkostanzi normali,

[6] *A fol.* 100 tal-proċess.
[7] *A fol.* 101 tal-proċess.
[8] *A fol.* 102 tal-proċess.
[9] *A fol.* 103 tal-proċess.
[10] *A fol.* 104 tal-proċess
[11] *A fol.* 106 tal-proċess.
[12] *A fol.* 110 tal-proċess.

meta jsir intervent, il-lipoma titneħħa kollha. Ix-xhud qal li hu kien ikkonstata li madwar sentejn qabel l-intervent li għamel hu, l-attur kien diġà sarlu intervent sabiex titneħħielu lipoma u x-xhud kien uża l-istess ċikatriċi li kienet saret preċedentement sabiex opera lill-attur, u għalhekk seta' jikkonkludi li l-lipoma li tneħħietlu, kienet tneħħiet mill-istess post. Ix-xhud ikkonferma li meta hu opera lill-attur, il-lipoma li dan kellu kienet tneħħietlu kollha kemm hi. Qal ukoll li n-nerv li ġie affettwat fl-ewwel intervent li sar fuq l-attur kien nerv relattivament superfiċjali, u li wieħed ma kellux japprofondixxi ħafna biex isibu. Spjega li l-lipoma tibda fil-livell superfiċjali u tibqa' nieżla fil-fond.

Fl-istess udjenza xehed **Mr Drazen Djukic**[13], li qal li hu *general surgeon,* u ilu jaħdem hawn Malta mis-sena 2011 fid-Dipartiment tal-Kirurġija Ġenerali. Qal li hu jaħdem direttament mat-tim kirurġiku ta' Mr Mark Schembri, u kien hu li għamel l-ewwel intervent fuq l-attur sabiex jitneħħielu tumur beninn, magħruf ukoll bħala lipoma, miż-żona tal-għonq. Ix-xhud ikkonferma li l-intervent fuq l-attur sar fis-16 ta' Marzu 2013, u dakinhar hu kien ħaseb li neħħa t-tumur kompletament minn għonq l-attur, għalkemm wara rriżulta li l-lipoma reġgħet feġġet.

Fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017 xehed **Mr Carmel Sciberras**[14], li qal li hu kien eżamina lill-attur minħabba problemi li dan kellu f'għonqu u spallejh wara operazzjoni li saritlu f'għonqu u x-xhud kien ħejja rapport dwar dan. Qal li hu kien ikkonkluda li l-attur kellu *hamartoma* li hi *malformation* iżjed milli tip ta' tumur, u li din tista' tkun ta' problema għal min iġarrabha minħabba fid-daqs tagħha. Qal ukoll li din ikollha titneħħa minħabba li xi drabi tibda tagħfas fuq

[13] *A fol.* 114 tal-proċess.
[14] *A fol.* 120 tal-proċess.

nervituri u arterji u għalhekk tikkawża problemi oħra. Ix-xhud qal li meta hu ra l-istorja tal-attur u eżaminah, kien ikkonkluda li l-attur kien sofra ħsara fin-nerv li jifforma parti mill-*brachial plexus,* u din il-ħsara kienet ġrat waqt l-operazzjoni. Żied jgħid li din hi xi ħaġa komuni anki minħabba fl-ammont ta' nervituri li l-bniedem għandu fl-għonq. Qal li t-trattament tal-persuna jiddependi minn kemm in-nerv ikun ingastat fit-tumur, u l-kirurgu li jiffaċċja din il-problema jrid jiddeċiedi jekk għandux ineħħi t-tumur bin-nerv b'kollox jew inkella għandux jiddissetta t-tumur bir-riskju li jħalli parti minnu fuq ġewwa, iżda b'hekk jimminimizza r-riskju li jolqot in-nervituri. Mr Sciberras qal li f'każ li t-tumur ma jitneħħiex kompletament, hemm riskju li dan jerġa' jikber. Ix-xhud esebixxa r-rapport mediku mħejji minnu fir-rigward tal-attur[15], minn fejn jirriżulta li hu eżamina lill-attur għadd ta' drabi, u kkonstatata x'kienu s-sintomi li l-attur kien qiegħed isofri minnhom wara l-ewwel intervent. Il-konklużjoni ta' dan ir-rapport hija li l-ħsara li l-attur sofra fin-nervituri tiegħu hi waħda irreparabbli li qiegħda tikkawżalu debilità permanenti ta' 12%.

> "*Mr. Ellul seems to have suffered damage to the spinal part of the accessory nerve that supplies the trapezius muscle as well as the sernocleidomastoid muscles. Unfortunately, damage to the spinal accessory nerve is a well recognised problem when operating on the posterior of the neck. It is said to occur in about 3-8% of procedures.*
>
> *The cranial part of this nerve supplies most of the muscles of the soft palate and larynx.*
>
> *I do not think that there is any satisfactory treatment that will repair the damage done and bring the situation back to normal.*
>
> *He may need to have a neuroma excised but results cannot be guaranteed. Nerve repair is not possible (In fact, a revised histopathology report in the first specimen*

---

[15] *A fol.* 125 tal-proċess.

> *(dated 26/8/2014) did show that large nerves were present in the specimen which 'might have now given rise to a traumatic neuroma'.)*
>
> *Mr. Ellul also complains of quite severe pain in the region. This may be due to secondary traction on the brachial plexus, possibly because the shoulder is no longer supported fully. The latter can cause pain by itself."*

Fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018 reġa' xehed **Mr Drazen Djukic**[16], li qal li l-intervent li huwa għamel fuq l-attur kien wieħed ta' rutina u fi kliemu "*from my end it was a straight foward procedure."* Qal iżda li dan il-każ partikolari kien aktar sensittiv minħabba fl-anatomija tal-għonq u l-fatt li hemm diversi arterji u nervituri fir-reġjun. Qal li sabiex jitneħħa dan it-tumur partikolari, kienet meħtieġa attenzjoni speċjali sabiex ma jsir ebda dannu lin-nervituri. Kompla jgħid li wara li saru l-eżamijiet istoloġiċi fuq il-kampjun li ntbagħat il-laboratorju, ġie determinat li t-tumur li tneħħa kien wieħed beninn. Ix-xhud spjega li hu għandu esperjenza ta' madwar ħdax jew tnax-il sena f'interventi fuq din it-tip ta' kundizzjoni, u mill-esperjenza tiegħu jista' jgħid li hemm riskju għoli li t-tumur jirritorna. Fi kliem ix-xhud:

> *"When we finished the operation, I was very happy and I excised all the tumour. But sometimes it can happen some cells are left which you cannot visualize, they seem impossible and recurrence rate is quite high."*

L-imsejjaħ fil-kawża qal li wara l-intervent hu kien konvint li kien neħħa t-tumur kollu kemm hu.

Il-konvenut **Mr Mark Schembri** fl-*affidavit* tiegħu qal[17] li oriġinarjament l-attur kien ġie eżaminat mis-*senior registrar* tiegħu ta' dak iż-żmien, Ms Angela Sultana. Qal li sa fejn jiftakar l-attur kien għamel *ultrasound* privatament u

---

[16] *A fol.* 137 tal-proċess.
[17] *A fol.* 144 tal-proċess.

wara kien imniżżel fuq il-lista tiegħu. Qal li eventwalment l-intervent fuq l-attur kien sar minn Mr Drazen Djukic, *senior registrar* ieħor mill-*firm* tiegħu. Ix-xhud spjega li operazzjoni tat-tip li kien jeħtieġ l-attur issir f'ġurnata u l-pazjent jintbagħat lura d-dar dakinhar stess. Spjega wkoll li normalment f'każ li jinstab li l-pazjent ikollu problema bit-tip ta' tumur li jkun tneħħa, isir *follow-up* fid-dipartiment tal-*outpatients,* iżda bħala regola dan ma jiġrix f'kull każ għal raġunijiet loġistiċi u minħabba fin-numru ta' interventi simili għal dik tal-attur li jsiru ta' kuljum. Mr Schembri qal li meta jitniżżel il-kliem '*no follow-up is planned*', mhux neċessarjament ikun ifisser li l-operazzjoni tkun suċċess u li għalhekk il-każ ikun qiegħed jingħalaq. Il-konvenut Mr Mark Schembri ċċara li hu kien eżamina lill-attur fi klinika privata fis-7 ta' Awwissu, 2013, u dakinhar hu kien irreferieh għal appuntament fl-Isptar Mater Dei għat-12 ta' Awwissu, 2013, sabiex isirlu t-test tal-EMG, u jingħata t-trattament tal-fiżjoterapija u mill-*Pain Control Clinic,* u kien għamel dan minħabba li nnota dgħufija fl-ispalla tax-xellug tal-attur. Ix-xhud ippreċiża li mhux minnu li l-attur kellu infezzjoni, u hija prattika normali li l-*follow-ups* tas-*Surgical Out-patients* isiru minn tobba li mhumiex konsulenti. Qal ukoll li mit-testijiet ulterjuri li saru fuq l-attur kien ġie stabbilit li dan kellu rikorrenza tal-lipoma. Żied jgħid li mill-istoloġija tat-tumur intwera li kien hemm nervituri għaddejjin mix-xaħam tat-tumur u mhux fuq barra tiegħu, u kien tal-fehma wkoll li dan it-tumur ma setax jitneħħa mingħajr ma ssir ħsara lin-nervituri. Qal li kieku t-tumur tħalla f'postu, kienet tibqa' ssir ħsara billi kien jibqa' jagħfas fuq in-nervituri l-oħra fiż-żona, bil-konsegwenza li ssirilhom ukoll ħsara minħabba kompressjoni fuqhom. Ix-xhud ċaħad li hu qatt qal lill-attur li dak li kellu kienet xi ħaġa żgħira, jew li hu kkuntattja xi familjari tal-attur sabiex jiddiskuti l-każ tiegħu magħhom. Ix-xhud qal ukoll li każijiet bħal dak tal-attur mhux neċessarjament li jiġu ttrattati mit-Taqsima tal-ENT

tal-Isptar, u la hu possibbli u lanqas neċessarju li każijiet bħal tiegħu jiġu riferuti għat-Taqsima tal-ENT minflok lid-Dipartiment tal-Kirurġija Ġenerali. Qal li r-riżultat tal-laboratorju juri li n-nerv li l-attur qiegħed jilmenta li qiegħed iħoss uġigħ fih ġie maqtugħ, u dan in-nerv kien għaddej mit-tumur, għalhekk biex jitneħħa t-tumur bilfors li kellu jinqata' n-nerv. Ix-xhud ċaħad li l-attur ma ngħatax trattament adegwat wara l-intervent li sar fuqu.

Il-konsulent kirurġiku **Mr Joseph Debono** fl-*affidavit* tiegħu qal[18] li mill-*file* mediku tal-attur seta' jikkonstata li l-attur ġie operat f'għonqu f'Marzu tal-2013 sabiex titneħħielu boċċa li kellu fix-xellug ta' għonqu u li kienet ittellfu. Ix-xhud qal li mill-*ultrasound* li sar fuq l-attur qabel l-intervent, irriżulta li l-boċċa inkwistjoni kienet midfuna fil-muskolu tal-għonq fil-parti tax-xellug, u l-fatt li l-attur ingħata loppju sħiħ sabiex ġie operat minflok ingħata loppju lokalizzat, juri li l-kirurgu li għamel l-intervent kien konxju mill-kumplessità tal-proċedura. Żied jispjega li l-operazzjoni saret taħt loppju sħiħ sabiex il-kirurgu seta' jaħdem aħjar u biex jimminimizza r-riskju u l-kumplikazzjonijiet. Qal li mir-riżultati tal-laboratorju jirriżulta li n-nervituri kienu parti integrali minn din il-boċċa, u għalhekk il-ħsara li ġratilhom ma setgħetx tiġi evitata, minħabba li kieku l-kirurgu pprova jiżola u jissepara n-nerv minn mal-boċċa, id-dissezzjoni kien ikollha tkun aktar estensiva u intensiva, b'riskju ta' ħsara akbar. Ix-xhud qal ukoll li fl-ewwel intervent tħalliet biċċa xaħam li fi żmien sena u nofs kibret konsiderevolment. Żied jgħid li din il-biċċa xaħam tħalliet mhux kapriċċjożament iżda għaliex il-kirurgu ħass li jekk ineħħiha kompletament, kien ser jikkawża aktar ħsara għall-attur.

[18] *A fol.* 151 tal-proċess.

Il-kontroeżami ta' **Mr Joseph Debono** sar fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2018[19], fejn ikkonferma li hu qatt ma eżamina lill-attur, u għalhekk ix-xhieda tiegħu kienet ibbażata fuq ir-*records* kliniċi u fuq l-esperjenza tiegħu bħala kirurgu. Ix-xhud qal li hu ra r-*record* tal-*ultrasound* li sar fuq l-attur qabel l-ewwel operazzjoni li saret fuqu u minkejja li kien hemm *ultrasounds* li saru wara t-tieni intervent, hu ma daħalx fihom. Qal iżda li kien jaf li wara l-ewwel intervent kien baqa' parti mill-boċċa oriġinali, għalkemm żied jgħid li ma jistax jikkummenta fuq jekk wara t-tieni intervent il-boċċa tneħħietx kollha. Ix-xhud spjega li meta kirurgu jagħmel intervent bħal dak li sar fuq l-attur, meta jiftaħ ma jarax linja dritta bin-nerv għaddej minnha, iżda wieħed jibda jiddissetta u jekk jara xi nerv żgħir għaddej jipprova jipproteġih. Qal ukoll li x-xaħam u n-nerv għandhom l-istess kulur u għalhekk diffiċli ssir distinzjoni bejn it-tnejn. Qal li l-qtugħ isir b'tali mod li wieħed irid jaċċerta ruħu li mhux jikkawża aktar ħsara fl-għonq. Ix-xhud qal li mill-*ultrasound* ma jirriżultawx in-nervituri li jkun hemm għaddejjin, għalkemm xi ħaġa bħal din tista' tiġi stabbilita b'MRI. Ix-xhud qal li l-attur iffirma l-karta tal-kunsens, għalkemm żied jgħid li hu ma jafx jekk ġewx spjegati lilu verbalment ir-riskji kollha tal-intervent qabel dan aċċetta li jsir l-intervent fuqu. Ix-xhud qal li biex kirurgu f'każijiet bħal dawn ikun ċert li tneħħa kollox, ikun irid jaqta' biċċa sew mill-muskolu, u hija ħaġa normali u komuni li jitħallew biċċiet żgħar fil-muskolu minħabba l-kumplessità tal-operazzjoni. Mr Debono żied jgħid li fil-każ tal-attur, reġa' trabba x-xaħam f'parti minn fejn kien diġà tneħħa, għalkemm żied jgħid li x-xaħam idum perijodu ta' żmien biex jerġa' jikber. Ix-xhud intalab jispjega x'inhi *traumatic neuroma,* li fil-każ tal-attur ġiet stabbilita fl-eżami li sarlu fis-26 ta' Awwissu, 2014, jiġifieri madwar sena u nofs wara l-ewwel intervent, u x-xhud qal li din

[19] *A fol.* 164 tal-proċess.

timmanifesta ruħha meta nerv ikun iddanneġġjat u jitrabba qisu kallu fuqu li jibda jħaxxen in-nerv u għalhekk jikkawża wġigħ. Qal ukoll li *neuroma* hi xi ħaġa li tikber bil-mod. Ix-xhud spjega wkoll li mhix prattika standard li kull meta jsir intervent tat-tip li sar fuq l-attur jittieħed MRI qabel, u dan it-tip ta' test isir biss meta jibdew jidhru sintomi tan-nervituri fuq il-pazjent. Spjega wkoll li f'dan il-każ mill-*histology report* irriżulta li n-nerv tal-attur kien qiegħed jirriġenera jew jipprova jfejjaq lilu nnifsu.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami tal-konvenut **Mr Mark Schembri**[20], li qal li hu kien ra lill-attur privatament darba waħda biss. Il-konvenut Mr Schembri qal li hu ddeċieda li jagħmel l-intervent minħabba li l-*ultrasound* kien qed juri li l-attur kellu *leucoma,* għalkemm wara li saret l-operazzjoni nstab li kellu xi ħaġa differenti. Qal iżda li qabel isir l-intervent, ma jkunx jista' jiġi determinat b'ċertezza l-boċċa xi tkun jew jekk tkunx tumur beninn jew malinn. Qal li *leucoma* ma tagħtix dawn il-problemi kollha, iżda mir-riżultat tal-*histology* irriżulta li l-attur kellu xi ħaġa oħra, tumur beninn bin-nerv fih. Qal li d-dijanjosi ta' lipoma tkun saret mir-radjologu u mhux minnu, u kkonferma li f'dan il-każ, minkejja li ma kienx hu li għamel l-intervent fuq l-attur, huwa xorta kien jagħmel l-istess proċedura bħal dik li saret mill-kirurgu li attwalment opera lill-attur. Żied jgħid li ma ġietx diskussa mal-attur il-possibilità li titħalla xi parti mill-boċċa fil-ġisem waqt l-intervent u qal li meta jsir dak it-tip ta' intervent, l-intenzjoni dejjem tkun li l-kirurgu jneħħi dak kollu li mhux suppost qiegħed hemm. Ix-xhud ikkonferma li minn dak li rriżulta mill-*histology report,* is-sintomi li beda jħoss l-attur wara li sar l-intervent fuqu kienu inevitabbli. Ix-xhud qal li l-fatt li hu rrefera lill-attur għall-*outpatients* fi

[20] A fol. 171 tal-proċess.

żmien ħamest ijiem wara li kien rah privatament, u rranġalu għal EMG, għal *CT scan,* għall-fiżjoterapija u rreferih għall-*Pain Control Clinic,* hu indikattiv tal-fatt li hu ma ħasibx li dak li kellu l-attur kienet xi ħaġa superfiċjali jew xi ħaġa żgħira. Ix-xhud iżda qal li hu fl-ebda waqt m'għamel kuntatt telefoniku mal-attur jew mal-mara tiegħu u qal li hu qatt tul il-karriera tiegħu m'għamel kuntatt ma' membri tal-familja ta' xi pazjent. Qal iżda li jista' jkun li sar kuntatt bit-*telephone* mal-attur minħabba f'dak li rriżulta mill-*histological report.* Żied jgħid li l-fatt li rriżulta li t-tumur kien beninn, ma jfissirx li ma tax problemi. Spjega wkoll li hu kien ta parir lill-attur jistenna qabel imur għat-tieni intervent u dan minħabba li mir-riżultat tal-*histology* hu seta' jiddetermina li ma kien ser ikun hemm ebda riskju għall-attur jekk jistenna ftit qabel jagħmel it-tieni intervent, u dan minħabba li ma kienx hemm riskju li t-tumur jinfirex. Ix-xhud qal ukoll li hu kien informa lill-attur li kien hemm problema bin-nerv, u allega li jekk l-attur baqa' jgħid li ma ġiex infurmat b'dan, jista' jkun li għax ma fehmux u mhux għax hu ma kienx infurmah. Mr Schembri fl-aħħar nett qal li t-tieni operazzjoni ma kinitx urġenti minħabba li l-ħsara lin-nerv kienet diġà saret u ma kienx ser ikun hemm titjib fil-kundizzjoni tal-attur billi jerġa' jiġi operat.

L-espert mediku maħtura mill-Qorti **Dr Josanne Aquilina** ppreżentat ir-rapport tagħha fil-25 ta' Ottubru, 2018, fejn ikkonstatat li l-attur għadu jsofri minn uġigħ, ħruq u tingiż fuq in-naħa ta' wara ta' għonqu, liema parti t'għonqu jħossha wkoll imtarrxa. Dr Aquilina kkonstatat ukoll li l-attur għadu jsofri minn uġigħ il-ħin kollu, tant li jsib diffikultà biex jorqod u l-uġigħ ikun agħar fil-ksieħ. L-espert mediku kkonsultat il-*file mediku* tal-attur minn fejn jirriżultaw id-diversi testijiet li saru fuqu kemm qabel kif ukoll wara l-ewwel intervent. Hi setgħet tikkonstata li l-attur kellu ħobża kbira fuq in-naħa ta' wara tal-għonq u

l-ispalla tax-xellug. Mill-eżami kliniku u minn *ultrasound* li sar lill-attur kien irriżulta li din il-'ħobża' kienet 'lipoma', u għalhekk kien sar l-ewwel intervent fl-2013 sabiex din titneħħa. Qalet li r-riżultat tal-*histology* li saret wara l-ewwel intervent kien li din fil-fatt kienet *'hamartoma',* jew tip ta' tumur konsistenti f'taħlita ta' ċelloli u tessuti. Wara dan l-ewwel intervent l-attur baqa' muġugħ, tant hu hekk li kellu nuqqas ta' mobilità fid-driegħ tax-xellug u tnemnim fl-għonq u l-geddum. It-tieni intervent fuq l-attur sar fl-2015, minn fejn irriżulta li dan kellu *fatty mass* jew '*hibernoma'*, li huwa tip ta' tumur tax-xaħam, li huwa beninn iżda jista' jerġa' jikber jekk jitħallew fdalijiet fil-ġisem. L-espert mediku Dr Aquilina kkonkludiet li l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti totali ta' 21%, konsistenti f'10% minħabba fl-uġigħ ta' deafferentazzjoni fuq l-għonq u l-ispalla tax-xellug, u paraliżi ta' *spinal accessory nerve* tax-xellug, li jammonta għal 12% diżabilità permanenti.

Il-konvenuti ppreżentaw lista ta' domandi għall-eskussjoni tal-espert mediku Dr Josanne Aquilina[21], li spjegat[22] li jista' jkun li hemm friegħi tan-nerv li ġew iddanneġġjati u mhux in-nerv sħiħ. Qalet ukoll li minkejja li mill-EMG jirriżulta li n-nerv kien qiegħed ikabbar friegħi ġodda, ma jfissirx b'daqshekk li r-riġenerazzjoni tan-nerv kienet waħda kompluta. L-espert mediku ġudizzjarju wieġbet ukoll li filwaqt li d-dijanjosi ta' *bursitis* u *wear and tear* jistgħu jispjegaw l-uġigħ madwar l-ispalla li qiegħed iħoss l-attur, madanakollu dawn ma jispjegawx ukoll il-ħruq u t-tingiż li għadu jilmenta minnhom l-attur, li huma aktar ta' natura nevropatika.

[21] *A fol.* 192 tal-proċess.
[22] *A fol.* 193 tal-proċess.

L-attur ukoll ippreżenta sensiela ta' domandi għall-eskussjoni tal-espert mediku Dr Aquilina[23], u dawn kienu ġew imwieġba minnha permezz ta' nota ppreżentata fil-31 ta' Jannar, 2019.[24] Fir-risposti tagħha, l-espert mediku Dr Josanne Aquilina kkonstatat li *spinal accessory nerve injury* hija waħda mill-kumplikazzjonijiet magħrufa li jistgħu jirriżultaw wara interventi li jsiru fuq l-għonq u fuq l-ispalla, u r-rata ta' frekwenza li jiġri dan tvarja ħafna skont in-natura tal-intervent. L-uġigħ li wieħed iħoss meta jsofri *spinal accessory nerve injury* jista' jkun li ġej minn *straining of supporting muscles ... with subsequent traction on the brachial plexus.* L-espert ġudizzjarju kkonstatat, anki wara li rat in-noti tal-Isptar, li l-ewwel massa li tneħħiet mill-attur kellha l-kejl ta' 55mm x 30mm x 8mm, filwaqt li t-tieni massa li tneħħiet b'intervent tas-16 ta' Frar 2015 kellha l-kejl ta' 55mm x 50 mm x 25mm. Qalet ukoll li mir-riżultati tat-tieni intervent li sar fuq l-attur, ma rriżultawx kumplikazzjonijiet.

## **<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti evalwat il-provi prodotti waqt is-smigħ tal-kawża, sabiex tiddetermina jekk għandhiex tinġarr responsabbilità da parti tal-konvenuti jew minn uħud minnhom, għad-danni pretiżi mill-attur, partikolarment in vista tal-fatt li jirriżulta mill-eżami kliniku u mill-evalwazzjoni li għamlet l-espert mediku Dr Josanne Aquilina, li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 21% b'rabta mal-ewwel intervent kirurġiku li kien sar fuqu. Jirriżulta li l-attur kien ħa parir mediku wara li nnota massa f'għonqu u t-tabib kuranti tiegħu kien irreferieh l-isptar, fejn mill-ewwel tpoġġa fil-lista ta' Mr Mark Schembri,

[23] *A fol.* 198 tal-proċess.
[24] *A fol.* 203 tal-proċess.

konsulent fid-Dipartiment tal-Kirurġija Ġenerali fl-Isptar Mater Dei. Jirriżulta wkoll li qabel sar l-intervent fuq l-attur kien sarlu *ultrasound* minn fejn irriżulta li l-massa li kellha titneħħielu kienet diffikultuża tant, li kif spjega l-konsulent Mr Joseph Debono, ittieħdet il-prekawzjoni li l-proċedura ssir taħt loppju ġenerali minflok taħt loppju lokalizzat kif jiġri s-soltu, u dan minkejja li proċeduri simili normalment isiru fi ftit ħin u l-pazjent jiġi rilaxxjat mill-Isptar dakinhar stess li jkun sar l-intervent fuqu. Mr Debono spjega li f'ċirkostanzi normali mhijiex il-prassi li qabel isir intervent tax-xorta li sar fuq l-attur isiru testijiet addizzjonali bħalma huwa MRI, għalkemm skont dan ix-xhud fil-każ in eżami, MRI biss seta' jistabbilixxi li fil-fatt kien hemm nervituri għaddejjin mit-tumur li kellu jitneħħa.

Il-Qorti semgħet lill-kirurgu Mr Mario Said, li għamel it-tieni intervent fuq l-attur, jgħid li lipoma bħal dik li tneħħiet minn għonq l-attur it-tieni darba, tipikament titrabba fuq medda ta' snin, u n-nerv li kien intlaqat fl-ewwel intervent li sar fuq l-attur kien wieħed superfiċjali fejn il-kirurgu ma jkollux għalfejn japprofondixxi ħafna waqt li jkun qiegħed jopera sabiex isibu u b'hekk jista' jevita li jikkawża ħsara fuqu. Din ix-xhieda tikkontrasta bil-qawwi ma' dak allegat minn Mr Mark Schembri li qal li fil-każ tal-attur in-nervituri kienu għaddejjin minn ġot-tumur u ma kinux fuq il-parti ta' barra tiegħu, b'mod li t-tumur jew il-massa, ma setgħux jitneħħew mingħajr ma ssir ħsara lin-nervituri. Mr Schembri fix-xhieda tiegħu ta x'jifhem li l-ħsara li saret fuq in-nervituri ma setgħetx tiġi evitata b'xi mod.

Mr Carmel Sciberras, kirurgu ieħor li kkonsulta miegħu l-attur, ukoll kien tal-fehma li l-ħsara fin-nerv saret waqt l-ewwel intervent li kien sar fuq l-attur.

Mr Djukic, il-kirurgu li għamel l-ewwel intervent kirurġiku fuq l-attur, xehed li wara l-intervent li għamel fuq l-attur, hu kien konvint li kien neħħa l-massa kollha li kellu f'għonqu l-attur, għad li ftit wara ma weriex ruħu daqstant konvint u qal li seta' ħalla xi ċelloli żgħar f'għonq l-attur li ma kinux daqstant viżibbli waqt l-intervent tiegħu. Fil-fatt xhieda oħra li ddeponew f'din il-kawża, ilkoll kienu tal-fehma li l-lipoma reġgħet trabbiet fi żmien relattivament qasir minħabba li meta sar l-ewwel intervent fuq l-attur, din ma ġietx imneħħija kompletament. Dan kollu ġie spjegat fid-dettall minn Mr Joseph Debono, kirurgu ewlieni fid-Dipartiment tal-Kirurġija fl-Isptar Mater Dei, li qal li minn dak li seta' jikkonstata mir-*records* mediċi tal-attur, mill-*ultrasound* li sar fuq l-attur qabel l-intervent, kien jidher li l-boċċa jew massa li kellha titneħħa kienet moħbija fil-muskolu tal-għonq, sitwazzjoni din li nneċessitat proċedura komplessa u li minħabba fiha l-attur ingħata loppju ġenerali u mhux lokalizzat. Mr Debono spjega wkoll li ħafna drabi ma jsirx MRI fuq il-pazjent qabel intervent simili għal dak li sar fuq l-attur, u MRI isir biss fejn jiġi determinat li hemm nervituri li jistgħu jikkawżaw problemi għall-pazjent jew diffikultajiet għal min ikun qiegħed joperah.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu quddiemha fid-dawl tal-fatt li hu minn ewl id-dinja li kull operazzjoni li ssir, iġġorr magħha riskji inerenti, liema riskji normalment jiġu mgħarrfa lill-pazjent tant li dan jintalab jiffirma l-kunsens tiegħu għall-proċedura li tkun ser issir fuqu. Il-Qorti fehmet ukoll li intervent bħal dak li sar fuq l-attur huwa intervent komuni ħafna, li bħalu jsiru bosta fl-isptarijiet tagħna. Madanakollu ta' min wieħed jinnota l-ispjegazzjoni li ta l-kirurgu Mr Joseph Debono, li qal li minkejja li sar *ultrasound* fuq l-attur li wera li aktarx li l-intervent li kien meħtieġ fuqu ma kienx wieħed *run of the mill,* iżda aktarx li kien ser ikun wieħed diffikultuż, tant li ttieħdet il-

prekawzjoni li l-attur jingħata loppju ġenerali sabiex sarlu l-intervent, madanakollu jidher ċar li qabel sar l-intervent fuq l-attur, ma sarx MRI li kien l-uniku test li seta' jiddetermina bi preċiżjoni minn fejn kienu għaddejjin in-nervituri u b'liema mod l-aħjar li kellu jsir l-intervent sabiex tiġi evitata ħsara fin-nervituri tal-attur. Jidher ċar mill-provi prodotti li dan it-test sar biss wara li l-attur beda jilmenta minn uġigħ u minn sintomi oħra wara li kien sar l-ewwel intervent fuqu, u dan minkejja li qabel sar l-ewwel intervent, kien diġà ġie stabbilit li kien ser ikun hemm diffikultajiet minħabba fil-pożizzjoni tan-nervituri. Mr Debono kkonferma wkoll li wara l-ewwel intervent tħalliet parti mill-massa f'għonq l-attur, xi ħaġa din li tikkontrasta ma' dak li qal Mr Djukic li kien il-persuna li attwalment għamel l-ewwel intervent kirurġiku fuq l-attur, li qal li huwa kien konvint li kien neħħa kollox għajr għal xi ċelloli li ma kinux viżibbli.

Huwa fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża għandhom jinżammu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur minħabba li dawn naqsu milli jeżerċitaw il-grad ta' professjonalità u diliġenza li wieħed jistenna minnhom partikolarment meta sa minn qabel l-attur tpoġġa fuq il-lista ta' pazjenti ta' Mr Mark Schembri, diġà kien hemm indikazzjonijiet ċari li l-intervent fuq l-attur kien ser joħloq ċerti sfidi. Il-Qorti tqis hawnhekk li jkun ta' siwi li tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Tessie Ellul et *vs.* Dr Astrid Camilleri**[25], fejn sar riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna sabiex jiġi stabbilit il-grad ta' responsabbilità li għandu jintwera fir-relazzjoni bejn pazjent u tabib:

[25] 28.05.2010.

> "Kif qalet din il-Qorti fil-każ **Gauci *vs* Felice,** deċiża fil-31 ta' Ottubru, 2008, ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbaħ aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, però, li mit-tabib mhux mistenni dejjem riżultat pożittiv, għax l-obbligazzjoni tiegħu mhux dik *di risultato* iżda *di mezzi,* fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bħala li '*egli e tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attività esercitata esige'.* (*Corte Cassazione d'Italia,* 21 ta' Lulju, 1989; Każ numru 3476). Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu aġixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li ġara xi ħaġa ħażina waqt l-intervent kirurġiku, xi ħaġa, jiġifieri mhux mistennija li sseħħ f'operazzjonijiet ta' dik ix-xorta."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Maġġur Alfred Briffa et *vs.* The Golden Shepherd Group Limited et**[26], dwar in-ness ta' kawżalità bejn l-għemil kolpuż u r-riżultanti danni sofferti ntqal:

> "Huwa prinċipu ben akkolt fil-ġurisprudenza tagħna li '*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti'* ***(XXX p. III p. 1429).*** L-eċċezzjoni għal din ir-regola tirrisjedi fejn il-każ jirrappreżenta ruħu bħala *res ipsa loquitur*, fejn l-att fih innifsu huwa manifestazzjoni ta' azzjoni kolpuża, u f'tali każ, l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-konvenut biex jeskolpa ruħu."

Fil-kawża appena ċċitata, il-Qorti għamlet rassenja tal-ġurisprudenza lokali fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbilità medika, u dan fid-dawl tal-fatt li l-Kodiċi Ċivili ta' Malta ma jipprovdi għall-ebda norma speċjali fir-rigward tal-professjoni medika, u għalhekk f'dan ir-rigward japplikaw il-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili, ċjoé l-artikoli 1031 sa 1033 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Qed issir referenza għas-sentenza fil-każ **Carmen sive Charmaine Ebejer *vs.* Dr. Ivan Vella et**, (P.A. (M.C. deċ. fit-30 ta' April, 2013) fejn il-Qorti ssiltet il-ġurisprudenza lokali dwar is-suġġett in materja. Il-Qorti f'dik is-sentenza, iċċitat il-Laurent, li jgħid, *"Il danno è sempre sventuratamente troppo certo in conteste deplorevoli controversie; quanto al colpa, il tribunale dovrà apprezarla' ... non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di*

[26] P.A., 31.10.2013.

*guida, val dire che per aversi responsabbilità professionale fà d'uopo che taluna abbia commesso una colpa, non usando la voluta vigilanza sopra se medesimo o sui propri atti o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando dei pari alla gustizia e al diritto tutto quanto loro appartiene."*

Kif ġie stabbilit fil-każ fl-ismijiet **Victor Savona pro et noe *vs.* Dr. Peter Asphar,** deċiża fit-2 ta' April, 1951, il-professjonist m'għandux iwieġeb għal kull żball. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet li, *"Il-professjonista ma hux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenoke' dan l-iżball ma jkunx grossolan, u ammenoke' il-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' 'bonus paterfamilias'.* U kompliet, *"jekk l-iżball jieħdu (kirurgu) għaliex ma jkunx eżamina l-każ kif imissu, u l-eżami jsir b'negliġenza, allura huwa responsabbli għall-konsegwenzi tal-iżball tiegħu.*

Dwar il-grad ta' diliġenza li professjonist bħat-tabib għandu juża, il-ġurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad għoli ta' diliġenza, iżda dik normali li wieħed jistenna minn professjonist tal-affari tiegħu. Dak li hu mistenni minn tabib hu li jżomm ruħu aġġornat bl-avvanz tal-mediċina, u fil-każ konkret li jkollu quddiemu, jeżerċita d-diliġenza li professjonist ordinarju bħat-tabib in kwistjoni kien jeżerċita. It-test hu neċessarjament oġġettiv, fis-sens li wieħed għandu jara kif kien jeżerċita l-mezzi tiegħu professjonist normali, bid-'degree of skill' li suppost għandu t-tabib partikolari; però darba determinat dan il-livell, it-tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skont l-'*accepted standard practice.'* Il-fatt li t-tabib inzerta f'dik l-okkażjoni, li kellu ħafna xogħol, u kien għajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet tal-pazjent." (**Rose Gauci et *vs.* Mr. Donald Felice et –** App. Ċiv. Deċiża fil-31 ta' Ottubru 2008).

…

Referibbilment għar-responsabbilità ta' Sptar, il-ġurisprudenza tagħna ma tistabbilixxix linja gwida għajr għall-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali stabbiliti mil-liġi, senjatament l-artikolu 1032 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ċitat. Dan ġie trattat minn din il-qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut *vs.* CGMO et** (P.A. RCP) deċ. fit-12/12/2002. Il-Qorti applikat il-prinċipju ta' responsabbilità għall-culpa in eligendo/vigilando, liema kunċett ġie 'estiż fil-ġurisprudenza nostrali mhux biss għall-mument meta l-istess persuna tiġi ngaġġata, iżda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament

> ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila skont id-dispożizzjonijiet fuq ċitati u l-artikolu 1037 tal-Kap. 16. ...
>
> Ma hemmx dubju li l-konvenuti fil-kwalità tagħhom premessa huma responsabbli għall-operat tal-funzjonarji tagħhom u wkoll għad-deċiżjonijiet li nħadu mill-istess staff tagħhom u anke għad-deċiżjonijiet il-ħżiena u negliġenti li nħadu mill-istess awtoritajiet inklużi l-konvenuti fil-kwalità uffiċjali tagħhom jew il-persuni li kienu jokkupaw l-istess kariga fiż-żmien in kwistjoni u l-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-istess Sptar. ... Il-funzjoni taċ-Chief Government Medical Officer ma tieqafx biss fl-għażla u l-ħatra tat-tobba u l-istaff mediku imma testendi wkoll għas-sorveljanza u l-amministrazzjoni ġornaljera tal-addetti tiegħu, u fejn dawn jonqsu hu għandu d-dover li jagħmel tajjeb għad-danni kaġjonati minnhom."

Il-Qorti tqis li l-imsejjaħ fil-kawża Mr Drazen Djukic ħa riskju li ma messux ħa, wara li kien irriżulta mill-*ultrasound* li kien sar qabel l-ewwel intervent li l-massa li kellha titneħħa kellha għadd ta' nervituri mqabbdin magħha jew għaddejjin minnha, meta ddeċieda li jopera fuq l-attur mingħajr ma sar MRI li kellu jagħti stampa aktar ċara ta' x'seta' jsir biex tiġi evitata l-ħsara fuq in-nervituri. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni partikolarment wara li qieset ix-xhieda ta' Mr Mario Said, il-kirurgu li għamel it-tieni intervent fuq l-attur, li qal li n-nerv li ġie kompromess kien wieħed superfiċjali u li wieħed ma kellux għalfejn japprofondixxi ħafna biex jasal għalih.

Kwantu għall-konvenut Mr Mark Schembri, għad li ma kienx hu li wettaq l-intervent kirurġiku mertu tal-kawża, l-attur fil-fatt kien tqiegħed fil-lista tiegħu tal-operazzjonijiet u kien taħt il-kura diretta tiegħu u tal-*firm* tiegħu. L-intervent kirurġiku inkwistjoni effettivament sar mis-*senior registrar* tal-*firm* ta' Mr Mark Schembri, l-imsejjaħ fil-kawża Mr Drazen Djukic. Skont l-artikolu 1037 tal-Kap. 16, persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila. Il-Qorti

tqis ukoll li mill-provi jirriżulta saħansitra li wara l-ewwel intervent kirurġiku li kien sar fuq l-attur, Mr Mark Schembri u l-membri tal-*firm* tiegħu lanqas biss indunaw li l-attur fil-kors ta' dik l-operazzjoni kien ġarrab ħsara permanenti fin-nervituri ta' għonqu u li parti mil-lipoma li kellu fil-fatt ma kinitx tneħħiet, minkejja li fix-xhieda tiegħu Mr Schembri jagħti x'jifhem li l-ħsara fin-nervituri tal-attur kienet konsegwenza inevitabbli ta' dik l-operazzjoni. Evidentement il-membri tal-*firm* ta' Mr Mark Schembri, wara l-ewwel intervent kirurġiku fuq l-attur, ħadu l-pożizzjoni li *"no follow-up is planned",* u kien biss meta l-attur mar jara lill-konvenut Mr Mark Schembri fi klinika privata fis-7 ta' Awwissu, 2013, erba' xhur u nofs wara l-ewwel intervent kirurġiku, li Mr Schembri ddeċida li jordna li jsiru ċerti testijiet fuq l-attur u bagħtu jagħmel sessjonijiet ta' fiżjoterapija fl-ilma u sabiex jingħata kura mill-*Pain Control Clinic* tal-Isptar Mater Dei.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża għandhom jinżammu lkoll responsabbli għad-danni subiti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' danni materjali sofferti minnu b'rabta mal-intervent kirurġiku mertu tal-kawża, u għalhekk il-Qorti m'hemm l-ebda danni attwali x'jiġu likwidati.

*Lucrum Cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

"Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[27], il-Qorti qalet:

"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[28], ġie stabbilit illi:

"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' disgħa u tletin (39) sena, li hi l-età li kellu l-attur fiż-żmien li fih seħħ l-intervent kirurġiku, il-*multiplier* li

[27] P.A., 18.02.2013.
[28] P.A., 27.04.2005.

għandu jiġi adottat huwa ta' 22. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall et**[29], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> …
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 22 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll tal-fatt li persuna fl-età tiegħu hu mistenni li jaħdem almenu sal-età ta' 65 sena biex jilħaq l-età tal-irtirar.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert ġudizzjarju Dr Josanne Aquilina, li l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 21% konsegwenza tal-episodju mertu tal-kawża, u l-Qorti sejra tadotta dan il-grad ta' debilità permanenti li

[29] P.A., 10.05.2005.

ġie stabbilit minn Dr Josanne Aquilina, li kienet l-aħħar espert mediku li eżaminat lill-attur.

L-intervent kirurġiku mertu ta' din il-kawża seħħ fis-sena 2013, u l-attur ippreżenta kopji tal-FS3s fir-rigward tad-dħul tiegħu għal dik is-sena[30], minn fejn jirriżulta li hu kellu dħul gross ta' €23,799.45, li wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u t-taxxa fuq id-dħul, iwassal għal dħul nett ta' €20,141.65, li magħhom irid jingħadd il-profitt nett għall-istess sena mix-xogħol li l-attur kien jagħmel mix-xogħol għal rasu u li jammonta għal €2,386, sabiex b'hekk id-dħul totali nett li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-intervent kirurġiku inkwistjoni kien ta' €22,527.65. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[31] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li fuqu ser tkun qiegħda taħdem il-komputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €22,527.65 + €27,285.49 / 2 = €24,906.57.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dawn l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata l-kawża u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet istitwita fis-sena 2016, u ser tinqata' ftit anqas minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel

[30] *A fol.* 101 tal-proċess.

[31] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

udjenza, filwaqt li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi naħa jew oħra mill-partijiet.

Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' wieħed u għoxrin fil-mija (21%) kif stabbilit mill-espert ġudizzjarju Dr Josanne Aquilina.

Id-dħul medju tal-attur ta' €24,906.57 x *multiplier* ta' 22, x 21% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għaċ-ċifra ta' €115,068.35 li meta tiġi mnaqqsa b'20% *(lump sum payment),* twassal għaċ-ċifra finali ta' €92,054.68 (tnejn u disgħin elf, u erbgħa u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu). Dan huwa l-*lucrum cessans* kif ser jiġi likwidat mill-Qorti u li għandu jitħallas lill-attur mill-konvenuti u mill-imsejjaħ fil-kawża, *in solidum* bejniethom.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tal-imsejjaħ fil-kawża;**

2. **Tiddikjara li l-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża għandhom jinżammu responsabbli *in solidum* bejniethom għad-danni kollha sofferti mill-attur meta fis-16 ta' Marzu, 2013, waqt li dan kien qed jiġi operat fl-Isptar Mater Dei sabiex titneħħielu lipoma li kellu f'għonqu, sofra ħsara f'nerv li jgħaddi minn spalltu, konsegwenza ta' liema l-attur ġarrab debilità permanenti;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi ħtija tal-konvenuti u tal-imsejjaħ fil-kawża fis-somma ta' tnejn u disgħin elf, u erbgħa u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€92,054.68);**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża jħallsu *in solidum* bejniethom id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.